KARL SCHEMBRI

# IL-MANIFEST TAL-KILLER

merlin

Ippubblikat għall-ewwel darba
minn Choppy Books, Malta 2006, 2008

Din l-edizzjoni 2020 pubblikazzjoni Merlin Publishers Ltd
Triq Mountbatten, il-Blata l-Bajda
www.merlinpublishers.com

Qoxra: Pierre Portelli

Qari tal-provi: Dwayne Ellul

Issettjar: Merlin
Stampat: Gutenberg Press, Ħal Tarxien

Copyright © Karl Schembri 2006

ISBN: 978999091881-6

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma minn Merlin Publishers Ltd.
Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-awtur u tal-pubblikatur.



kuljum kien jitfa’ messaġġ ġdid fuq
il-website tiegħu, li malli tidħol fiha ssib
tilqgħek l-immaġni tal-Qattus Iswed anarkiku,
irrabjat, b’difrejh twal lesti biex jigirfuk u bi
snienu ppuntati

# 1
# Leħen liċ-Ċittadin

**Insellmilkom u nilqagħkom** għal darb'oħra miegħi, Ivan Azzopardi, biex inqattgħu flimkien l-aħħar siegħa tal-ġurnata, qabel imut il-jum.

Wara r-riklam tas-saqqijiet l-irħas, il-beraq kien jinstema' ta' kuljum f'kull dar bil-kaxxa ż-żgħira mixgħula fuq il-frekwenza 99.7 FM Stereo. Dawl qawwi kien iserrep fis-sħab fis-satra tal-lejl, ixerred il-vuċi tal-illuminati minn aerial għal ieħor. Il-frekwenzi l-oħra kienu jitbattlu waqt li l-irkiekel tar-radjijiet kienu jiddawru lejn ix-xellug jew il-lemin sabiex jissinkronizzaw ruħhom mal-pożizzjoni tal-poplu, mal-latitudni tal-pluraliżmu, mar-Radju taċ-Ċittadin.

Mhux għax qabel ir-riklam tas-saqqijiet l-irħas ma kienx ikun hemm semmiegħa jisimgħu l-istazzjon, iżda fil-ħdax ta' billejl, kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, il-programm ta' Ivan Azzopardi kien bħal kalamita fuq kampnar li fil-maltemp tiġbed is-sajjetti lejha. Il-programm kien jismu *Sajjetti*.

Kien solenni l-leħen tal-preżentatur. Il-frażijiet ritwalistiċi tiegħu, l-argumenti illustrati bl-eżempji mill-ħajja ta' kuljum, ir-ripetizzjoni tal-ovvju, kienu maħsubin apposta biex jirrilassaw lis-semmiegħa waqt li jistimulaw l-intellett.

Fuq *Sajjetti*, tgħid li trid.

Li tgħid li trid kienet xi ħaġa ġdida f'Malta. Ir-Radju

taċ-Ċittadin beda jittrażmetti l-għada li nfetħu beraħ il-bibien tal-pluraliżmu. Għall-ewwel darba, in-nies ingħatat mikrofonu mixgħul fuq il-frekwenzi nazzjonali biex tlissen dak kollu li kellha fuq l-istonku, u n-nies bdiet titkellem. Ir-Radju taċ-Ċittadin infetaħ fit-2 ta' Settembru 1991 b'missjoni ddikjarata mis-sid u d-direttur innifsu, Ġorġ Azzopardi: li jagħti leħen lil min m'għandux. Il-politika tal-istazzjon kienet daqstant ieħor ċara: l-ebda politiku ma seta' jitkellem fuq l-istazzjon. Il-politiċi kellhom il-parlament u r-radju tagħhom. Dan kellu jkun ir-radju tan-nies, il-vuċi tal-poplu, il-polz tal-bniedem tat-triq — RTĊ — ir-Radju taċ-Ċittadin.

X'kellu xi jgħid iċ-ċittadin, wara dawk is-snin kollha ta' mikrofoni mitfija u ittri lill-editur iċċensurati? B'liema teoriji kien se joħroġ wara dawk is-sekli kollha ta' skiet? B'liema verżjoni tad-dinja kien se joħroġ, il-poplu ta' dil-gżira ċkejkna?

Agħtih iċ-ċans u tara, iwieġeb fil-pront Ġorġ Azzopardi, iftaħlu t-triq u ħallih jimxi. Din il-missjoni, din il-viżjoni liberali dwar il-bniedem tat-triq, kienet saret il-missjoni ta' Ġorġ Azzopardi, l-Eks Kummissarju tal-Pulizija lliberat għoxrin sena ilu minn akkużi ta' vjolenza rampanti fuq il-ġurnalisti u partitarji Nazzjonalisti. Għax fi żmien il-Kummissarju Azzopardi seħħew l-agħar atroċitajiet fil-pajjiż, l-iktar ġrajjiet moqżieża tal-Istorja miktuba fuq il-paġni griżi tal-gazzetti, l-eqqel taqbidiet li firdu lill-poplu Malti. Studenti Universitarji kienu jissawtu bil-ktajjen u l-pajpijiet tal-ħadid, tobba u intellettwali sfaw eżiljati mill-gżira, ġurnalisti żbukkati kienu jsibu d-djar tagħhom imqallba mill-aġenti tal-Istat, għalliema tal-Ingliż u tar-Reliġjon kienu mġiegħla jgħallmu l-Għarbi f'eżerċizzju

ta' umiljazzjoni nazzjonali li serva biss biex kompla kattar il-vjolenza u l-mibegħda lejn kulm'hu Għarbi. Fost l-aġenti tal-Istat, fil-filliera ta' quddiem nett, kien hemm il-Kummissarju Azzopardi, bil-lembuba sewda u t-tbissima ċinika tiegħu. Kemm bkew irġiel f'dik il-kamra mudlama tal-interrogazzjonijiet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, taħt il-ħarsa u l-lembuba tal-Kummissarju Azzopardi! Kemm protesti paċifiċi spiċċaw f'battalji mdemmija, f'manifestazzjonijiet tal-biki taħt l-effett vjolenti tal-gass tad-dmugħ!

Iżda dak kien żmien ieħor u m'għandniex għalfejn noqogħdu nintilfu fuq dawn id-dettalji. L-Eks Kummissarju Azzopardi, nhar it-2 ta' Settembru 1991, ħatar lilu nnifsu l-feddej taċ-ċittadin, u b'lealtà lejn il-missjoni l-ġdida ddikjarata tiegħu, fetaħ ir-RTĊ, u beda jxandar dak li qatt ma xxandar qabel, il-vuċi taċ-ċittadin. Hawn xi ħadd jazzarda jgħid kelma kontra ċ-ċittadin?

Kien hemm uħud, biex inkunu għedna kollox, li kienu laqgħu l-ftuħ tar-RTĊ b'ċerta reżistenza. Kien hemm l-imsawta ta' dari li kienu jiftakru lil Azzopardi bl-uniformi tal-vjolenza, u li ma setgħu jniżżluha qatt li issa dan kien sar id-difensur tad-demokrazija. Kien hemm l-istazzjonijiet għajjura l-oħra, li kienu jagħmlu minn kollox biex jiskreditaw ir-radju ta' Azzopardi quddiem is-suċċess tiegħu mal-udjenza radjufonika. Kien hemm il-politiċi li kienu jħossuhom mhedda mill-pluraliżmu sfrenat li kien qed irewwaħ in-nirien tat-tgergir kontrihom. Kien hemm min kien isejjaħlu r-Radju taċ-Ċuċati, b'disprezz totali lejn is-semmiegħa li kienu jċemplu biex jitkellmu u b'disprezz ikbar lejn sid l-istazzjon. U ma kinux ftit dak li ppruvaw iqajmu

l-passat ta' Azzopardi biex itebbgħulu l-kruċjata tiegħu. Iżda din kienet il-konverżjoni sekulari ta' Azzopardi, u lil dawk li għadhom xettiċi u jgħidulek li ħanżir li taqtagħlu denbu ħanżir jibqa', inweġbuhom b'verità daqstant ieħor valida: li min jitwieled tond jista' jmut kwadru.

L-iskeda li fassal għar-radju tiegħu kienet ikkulurita sew. Kienet tinbidel kull staġun, iżda l-programmi essenzjali kienu jibqgħu hemm. Kellek dawk il-programmi ta' kuljum — kull filgħodu jiftaħ l-istazzjon Azzopardi nnifsu bil-ħarsa lejn il-ġurnali u bil-kummenti personali tiegħu dwar ir-rapporti li kien jagħżel hu.

Interessanti din l-istorja li qed tidher illum fil-faċċata ta' *Ix-Xemx*, kien jgħid waqt li l-mikrofonu kien jaqbad il-ħsejjes tal-paġni tal-ġurnali qed jinfetħu waħda waħda, live, għall-iskrutinju ta' sid l-istazzjon. Hawn qed jgħidu li daħal sottomarin nukleari tan-NATO fil-Port il-Kbir. Hekk sew. Hemm hi n-newtralità tagħna. Ħasbuna bċieċen dawn. Sur Ministru tal-Affarijiet Barranin u tat-Taħwid, hawn kif spiċċajna qaddejja ta' alleanza militari? Jew issa n-newtralità m'għadhiex moda?

It-ton ta' leħnu kien dak ta' wieħed ġellied, li jkeskes. Iżda l-verità tibqa' l-verità, anki jekk il-vuċi tagħha tqanqal xi ftit suspetti.

Wara l-analiżi tal-ġurnali, Azzopardi kien jiftaħ il-mikrofoni għaċ-ċittadini, biex jiddiskutu l-istejjer li jkun għadu kemm qara mill-gazzetti. B'hekk leħen iċ-ċittadin kien jinstema' sa minn kmieni fuq ir-radjijiet Maltin. Fil-vannijiet bit-tfal tal-iskola, fil-fabbriki, fl-uffiċini tad-dipartimenti tal-gvern ... ir-radjijiet mixgħulin kienu jgħollu leħen iċ-ċittadin għal fuq il-frekwenzi nazzjonali. Mis-

sebgħa sad-disgħa ta' filgħodu, taħt il-patroċinju tas-Sur Ġorġ Azzopardi, ir-RTĊ kien ikun l-ewwel stazzjon qabel kull stazzjon ieħor li jkun fetaħ il-mikrofoni għall-poplu.

Imbagħad wara kien ikun hemm l-aħbarijiet, investigati u indipendenti, miktuba u moqrija b'ħeġġa minn erba' ġurnalisti part-time jistudjaw l-Università. Minkejja li teknikament il-bullettini kienu dilettanteski, mimlijin bi żbalji komuni għal min beda jaqra fuq ir-radju għall-ewwel darba, l-aħbarijiet tar-RTĊ kienu l-iktar segwiti fil-gżira għall-integrità tagħhom, u xi kultant anki għall-iżbalji komiċi li kienu joħorġu bla ħsieb. Bħal meta wieħed mill-ġurnalisti kien qed jaqra n-numri tas-Super Five u dak il-ħin stess induna li kienu n-numri tiegħu.

Illostja. Dawn tiegħi, qal iwerżaq live. Ta' xejn it-tekniċi bdew jagħmlulu sinjali grotteski u ddisprati minn wara t-tieqa tal-istudio biex ifakkruh li kien qiegħed on air. Illalla man. Irbaħt!

U waranofsinhar kien ikun hemm il-programm ta' Veronika, il-femminista. Dik li kienet taqbad il-liġijiet, waħda waħda u toftoqhom bix-xafra tal-kirurgu, u minnhom toħroġ il-mentalità maskilista, id-diskriminazzjonijiet inerenti fil-liġi kontra n-nisa. Veronika hi dik li ddikjarat gwerra kontra l-irġiel kollha fil-poter. Dik li inċitat lin-nisa tad-dar biex jaħarqu l-kċina. Dik li pproponiet l-astinenza sesswali tan-nisa bħala protesta kontra l-oppressjoni perenni tar-raġel. Il-programm tagħha — *Il-Parlament tan-Nisa* — kien il-verżjoni femminili tal-Illuminiżmu. U anki waqt il-programm ta' Veronika, iċ-ċittadini kienu jċemplu u jfaħħruha jew imaqdruha, skont is-sess tagħhom, u b'hekk isemmgħu leħinhom ma' Malta. Programm bħal

dan kien iqanqal bosta reazzjonijiet estremi, minn irġiel jgħajru lil Veronika qaħba ffrustrata sa nisa jaħilfu lealtà assoluta lejn il-viżjoni Veronikjana tad-dinja. U kienu mhux ftit il-kummenti ħamalli, it-tgħajjir u l-insulti li l-preżentatriċi kienet taqla' kuljum bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' waranofsinhar. Iżda dik hi d-demokrazija, kien jgħid Azzopardi. Erħilhom ħa jitkellmu.

Iżda l-krema tal-iskeda, il-flagship tal-istazzjon, kien il-programm *Sajjetti*, il-programm ta' iben is-sid innifsu — Ivan Azzopardi.

Insellmilkom u nilqagħkom għal darb'oħra miegħi, Ivan Azzopardi, biex inqattgħu flimkien l-aħħar siegħa tal-ġurnata, qabel imut il-jum.

U b'hekk ir-RTĊ kien l-uniku stazzjon li jiftaħ u jagħlaq il-jum tal-iskeda tiegħu bl-opinjoni taċ-ċittadin, bil-veritajiet tal-poplu.

Mhux għax qabel ir-riklam tas-saqqijiet l-irħas ma kienx ikun hemm semmiegħa jisimgħu l-istazzjon, iżda fil-ħdax ta' billejl, kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, il-programm ta' Ivan Azzopardi kien bħal kalamita fuq kampnar li fil-maltemp tiġbed is-sajjetti lejha.

Ta' kuljum Ivan Azzopardi, ġuvni ta' wieħed u għoxrin sena, kien jippreżenta dal-programm, daqqa b'xi mistieden jew tnejn fl-istudio, daqqa waħdu jagħmel siegħa jitkellem fuq kulma kien qed iseħħ taħt ix-xemx, anzi taħt id-dawl bati tal-qamar f'dik is-siegħa mudlama tal-jum.

Kien segwit minn ħafna nies, miċ-ċittadini kollha li f'dik is-siegħa fit-tard kienu għadhom jitqallbu fil-friex jippruvaw jorqdu; mix-xjuħ fis-swali ta' San Vinċenz bir-radju midfun qalb il-pirmli; mis-suldati u l-pulizija ppustjati

barra l-ambaxxati fil-kesħa tal-lejl; miż-żgħażagħ ribelli li kienu jfittxu dik is-siegħa ta' kuljum li fiha kienu jartikolaw il-protesti tagħhom kontra kollox.

Illum se nitkellmu dwar il-morda mentali. Min huma dawn in-nies? X'għandna nagħmlu bihom? Huwa sew li nagħlquhom ġo sptar, qishom ħabsin, u nħalluhom imsakkrin hemm ġew? Huwa minnu li l-imġienen qegħdin barra Mount Carmel? X'inhu l-ġenn?

Il-mistoqsijiet impossibbli kienu jiftħu d-dibattiti militanti tal-programm. Mistoqsijiet provokanti, tqal, li jġegħluk taħseb.

Jiena naħseb li l-morda mentali għandhom jirranġawlhom l-isptar għax imsieken, qed jgħixu qishom f'qabar. Veru, qishom, taf kif qishom? Qishom tefgħuhom f'qabar jistennew li jmutu. Veru, veru, veru — Harry, il-pensjonant ta' 69 sena. Wieħed minn dawk li jċemplu kuljum.

Jiena nemmen li aħna kollha mġienen. Mhux kulħadd għandu xi ġenn f'moħħu? Imbagħad l-Istat jinqeda bil-psikjatri biex jeħles minn ċerti nies li għalih huma perikolużi, għax jistgħu jilluminaw 'il-poplu, u jaqfilhom Frankuni, u jraqqadhom bil-pirmli — Michael, student żagħżugħ mis-Sixth Form. Anarkiku. Wieħed minn dawk li jċemplu ta' spiss.

Jien nistaqsi: x'inhi n-normalità? Il-morda mentali mhux veru jeżistu għax kulħadd ftit miġnun, mhux imbilli noqogħdu ngħidu. U jien naħseb li dawk li veru jidhru strambi għandna ngħinuhom imma mhux naqfluhom — Violet (mhux isimha veru). Mara x'aktarx fil-ħamsinijiet, b'vuċi sexy imma ftit naive, dejjem tiftaħ l-interventi tagħha b'mistoqsija. Iċċempel kuljum.

Hello Harry, kif inti llum? Hello Michael, kif sejjer bl-istudju? U issa magħna ngħaqdet Violet, il-misterjuża Violet, biex taqsam il-ħsieb tagħha tal-ġurnata — Ivan Azzopardi, il-preżentatur.

It-telefonati on air kienu qishom kelmtejn bejn il-ħbieb. Il-familjarità li Ivan kellu mas-semmiegħa kienet tixhed il-lealtà tal-minoranza li titkellem kuljum. Kien hemm eluf oħrajn jisimgħu, fil-kwiet, iħarrku rashom b'approvazzjoni jew bi stmerrija lejn dak li jkun qed jintqal. Iżda jum wara l-ieħor, il-vuċijiet tal-kunsens u tad-dissens kienu jiżdiedu; in-nies bdiet tagħmel il-kuraġġ.

Naqbel ma' dak ta' qabli.

Dik ma tifhimx għax qatt ma kellha depression.

Ma tistax taqta' linja.

Jiddependi.

Veru, veru, veru.

L-aħħar kelma — Il-Kelma tal-Killer. Il-programm kien jagħlaq kuljum bi speċi ta' editorjal, ħsibijiet radikali tal-militanti anonimu — il-Killer. Azzopardi kien jaqra l-Kelma tal-Killer kuljum minn fuq l-internet, minn fuq il-website tal-Killer — *www.maltakiller.com*

Kuljum kien jitfa' messaġġ ġdid fuq il-website tiegħu, li malli tidħol fiha ssib tilqgħek l-immaġni tal-qattus anarkiku rrabjat, b'difrejh twal lesti biex jigirfuk u bi snienu ppuntati. Kien jikteb dwar suġġetti li kien jagħżel hu stess, u Azzopardi kien jaqrah fl-aħħar tal-programm, jaqbel jew ma jaqbilx miegħu, f'ġieħ il-ħsieb ħieles.

Il-messaġġi tal-Killer kienu segwiti b'interess minn kulħadd. Kien fihom il-ħeġġa ribelli ta' min jeħodha kontra

kollox. Ħadd ma jaf ta' min kienu, u ma kienu ta' ħadd ħlief tal-Killer.

Min kien dal-Killer? Ftit nistgħu ngħidu biċ-ċert u fil-fatt il-problema dwar min seta' kien u ma kienx qanqlet diversi mistoqsijiet kurjużi u xnigħat kontradittorji. F'dan il-punt nistgħu biss nispekulaw, u l-ispekulazzjoni tista' biss tħawwad l-imħuħ, u f'ċerti każi tista' tintuża bħala arma malinna kontra l-verità. U għalhekk tajjeb li nieqfu mmaħħu dwar dan is-suġġett qabel ma jkollna l-provi f'idejna, lil hinn minn kull xrara ta' dubju.

Il-fatti li għandna quddiemna huma dawn: Il-Killer, kien min kien (jew kienet min kienet, la ftehemna li se nħallu l-każ miftuħ) kellu udjenza leali tisimgħu. Iktar minn hekk, il-Killer ingħata vuċi radjufonika fuq ir-RTĊ, u b'hekk inqala' mill-paġni virtwali għar-realtà tal-antenni. Intom tafu daqsi li meta messaġġ jirrepeti ruħu fuq mezz wieħed jew tnejn isir veru u għalhekk illum insibu l-Bibbja fuq l-internet, CD-ROM, videos u kotba, għax il-verità titkattar u magħha jitkattru l-anġli ħabbara tagħha. Għalhekk mhux ta' min jiskanta bil-popolarità li kiseb il-Killer.

Anki dawk li ma kinux jaqblu miegħu kienu jistennew il-messaġġ tiegħu moqri minn Ivan Azzopardi f'dik is-siegħa tarda tal-jum. Biex ma nsemmux lil dawk li kienu jsegwuh fuq l-internet, jimpustawlu messaġġi ta' inkoraġġiment u solidarjetà. Il-*maltakiller.com* kienet l-iktar website Maltija radikali, viżjonarja, estremista, xellugija, idealistika, kritika, djalettika, rivoluzzjonarja, u nistgħu nibqgħu sejrin hekk, imma aħjar nieqfu għax malajr nagħtu x'nifhmu li għandna x'naqsmu mal-Killer jew li b'xi mod nieklu l-kirxa miegħu.

U issa nisimgħu l-Kelma tal-Killer.

Din is-sentenza kienet timmarka l-aħħar parti tal-programm, iżda x'aktarx l-iktar parti provokanti.

Illum, il-messaġġ tal-Killer jismu *Inħarrbu l-Annimal*.

Il-messaġġ tiegħu kien itih titlu, bħall-editur diliġenti ta' gazzetta li fl-aħħar tal-ġurnata jniżżel l-osservazzjonijiet tiegħu għall-iskrutinju tal-qarrejja fil-kaxxa prestiġjuża tal-editorjal.

L-aħwa.

Dejjem hekk kien jibdiehom il-messaġġi tiegħu. Bħallikieku kien xi sultan qed jindirizza 'l-kavallieri tiegħu qabel taqbida. Jew, ġaladarba iktar faċli għalina nirrelataw mal-personaġġi bibliċi, qisu kien l-appostlu missierna San Pawl quddiem il-lifgħa mejta, iċanfarna għan-nuqqas ta' fidi tagħna. U taħsbux li din hija xi tixbiha fiergħa għax minkejja l-anarkiżmu tagħhom, il-messaġġi tal-Killer kellhom id-determinazzjoni biblika li jgħaqqdu 'l-poplu fit-taqbida għall-ġustizzja.

X'nistgħu nifhmu iżjed mill-analiżi ta' dawn il-messaġġi ta' kuljum? Ninnutaw, pereżempju, li l-Killer għandu l-imħabba għall-kelma, għall-idjoma Maltija, għall-koerenza fil-lingwaġġ u l-loġika fl-argumenti. Hemm ukoll l-irreverenza lejn kull awtorità, l-attakk kontra kull istituzzjoni, l-anniħilazzjoni ta' kulma hu stabbilit. Biex ma ngħidu xejn dwar ir-retorika li juża, qisu kien qed jindirizza forum tal-għorrief, fejn daqqiet jindirizza 'l-folla fl-ewwel persuna singular (jiena nemmen) u daqqiet oħra juniversalizza l-kawża tiegħu fit-tielet persuna plural (aħna niddikjaraw). Iżda anki fl-iżjed argumenti passjonali tiegħu

tidher il-ħajta sottili tar-razzjonalità, li mhix ħaġa faċli meta bħala nazzjon, għadna lanqas biss skoprejnieha.

U għalhekk kien bix-xieraq li l-programm jintemm bis-sajjetti tal-Killer, jilluminaw lis-semmiegħa sal-ħolm matul il-lejl. Malli jispiċċa l-messaġġ, Ivan kien isellem lis-semmiegħa, jixtiqilhom il-lejl it-tajjeb, u jfakkarhom jingħaqdu miegħu l-għada, fl-istess ħin, fuq l-istess frekwenza, bl-istess impenn.

Iżda llejla daħlet telefonata oħra, għeżież semmiegħa, u min hu donnu ma jridx jaqta', u allura se neħduha, għax fuq dal-programm iċ-ċittadin jiġi l-ewwel.

Din x'aktarx l-ewwel darba li Ivan Azzopardi se jagħmel konċessjoni u jagħti l-privileġġ liċ-ċittadin jispiċċa bl-aħħar kelma, wara l-Killer, iżda dehret l-iktar ħaġa naturali li kellha sseħħ dak il-lejl.

Hello ... Hello ...

Inqatgħet il-linja.